A.L. 117 ta' l-2006

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni Marbutin fit-Tul)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, fuq il-pariri ta' l-Awtorita għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni Marbutin fit-Tul), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni Marbutin fit-Tul), hawnhekk izjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 354 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 2006.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira "kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "tal-paragrafu 7 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem ", u li m'huwiex kuntratt ta' bejgħ remot kif stabbilit fir-Regolamenti ta' l-2005 dwar *Distance Selling (Retail Financial Services)"*.

A.L. 36 ta' l-2005.

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "sew filwaqt meta jsir il-kuntratt sew fi żmien jumejn tax-xogħol mid-data meta jkun sar il-kuntratt" għandhom jidħlu il-kliem "filwaqt meta jsir il-kuntratt"; u

(b) fis-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "Kull assiguratur li jkun kiser" għandhom jidħlu il-kliem "Kull assiguratur li jikser".

Emenda tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) ta' regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fi żmien ħmistax-il ġurnata", għandhom jidħlu l-kliem "fi żmien tletin ġurnata".

Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, minflok il-kliem "Int għamilt/applikajt biex tagħmel" għandhom jidħlu l-kliem "Inti għamilt";

(b) fil-paragrafu 4, minflok il-kliem "Il-liġi tagħtik 15-il gurnata," għandhom jidħlu l-kliem "Il-liġi tagħtik 30 ġurnata,"; u

(ċ) fil-paragrafu 5, minflok il-kliem "fi żmien 15-il ġurnata" għandhom jidħlu l-kliem "fi żmiem 30 ġurnata".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "(isem il-proponent)" taħt l-intestatura "RIĊEVUTA" għandhom jidħlu l-kliem "(isem tad-detentur tal-polza)".